MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Numru. 476/2006

Il-Pulizija
(Spettur Johann J Fenech)

vs

Jonathan Stewart

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Jonathan Stewart ta’ 20 sena, bin Stephen u Josephine nee’ Micallef, imwieled Pieta fid-9 ta’ Marzu, 1985 u li joqghod No 15, Tulip, Sqaq Nru 1, Ghajn Dwieli Road, Paola, detentur bil-karta ta’ l-identita’ numru 229485(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’Hal-Qormi bejn Novembru u Dicembru 2005 ikkommetta serq ta’ zewg

cekkijiet tal-HSBC bin-numri 004850 u 004851 minn cheque book fuq akkont ta' Ludgardo Borg minn Hal-Qormi liema serq hu aggravat bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa;

Akkuzat talli fl-istess perjodu u cirkostanzi laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' zewg cekkijiet tal-HSBC;

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu b'diversi atti maghmulin fi zminijiet u postijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficjal pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

Akkuzat talli fl-istess post u zmien, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat fuq akkonti ta' terzi persuni, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dan l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw cioe cekkijiet tal-HSBC.

Akkuzat talli fl-istess post u zmien, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, jigifieri zewg cekkijiet tal-HSBC;

Akkuzat talli fl-istess post u zmien b'mezzi qarrieqa, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera xi haga ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila jew ta' setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew biex qanqal tama jew biza dwar xi grajja

kimerika, ghamel qliegh ta’ flus li jeccedi l-mitt lira Maltin ghad-dannu ta’ Ludgardo Borg minn Hal-Qormi;

Akkuzat talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Art 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt Dr S. Demicoli LL.D. fil-05/07/2004.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 18 ta’ Mejju, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-11 ta’ Jannar, 2007 ai termini ta’ l-Artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-30 ta’ Mejju, 2007 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huma hatja, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kontenut tas-*Social Inquiry Report* (esebit a fol. 17 sa 35 tal-process) kif ukoll il-fatt li mix-xhieda ta’ Carmel Cremona moghtija fis-seduta tat-30 ta Mejju 2007 irizulta li l-imputat beda programm residenzjali mal-Caritas ghall-problema li huwa ghandu mill-abbuz tad-droga.Il-

Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 268, 271, 167, 183, 184, 308, 17 u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif minnu ammessi, salv ghat0tieni akkuza li inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza u ghalheekk l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel ordni ta’ *probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Jonathan Stewart ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. Li. huwa jkompli u jittermina il-programm residenzjali sabiex jeghleb il-problema mill-abbuz tad-droga.

3. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Jonathan Stewart kull sitt xhur bil-miktub.

4. Jonathan Stewart ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------